MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 403/2003

**Alexander Bonello ghal 13 Distributions Limited**

**vs**

**Phone Direct Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentata mill-attur fit-8 ta' Awissu, 2003 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u erbatax-il lira Maltin (Lm2,214) dovuti skond l-istatement anness bhala dok. A konsistenti fi drittijiet dovuti lis-socjeta' attrici ghad-distribuzzjoni tal-*magazine* "Phone Direct" fuq inkarigu tal-konvenut u VAT dovut fuq l-istess drittijiet. L-ammont huwa ammess mis-socjeta' konvenuta li harget il-pagament permezz ta' tliet cekkijiet li kopja taghhom hija annessa bhala Dok 'B' u li taghhom inhareg stop payment.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati ta’ Sekwestru u Qbid kawtelatorju numerati 1675 u 1676 ta’l-2003 tas-6 ta’ Awissu 2003 kif ukoll tas-sekwestru kawtelatorju tat-8 ta’ Awissu, 2003, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-ammont pretiz mis-scojeta’ attrici ma huwiex dovut u wisq anqas l-imghaxijiet mitluba fuq dan l-ammont;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-servizz li suppost gie pprovdut mill-appaltat kien wiehed fqir, tardiv u leviz ta’ l-obbligi kontratwali reciproci assunti mill-partijiet;
3. Illi galadarba s-socjeta’ attrici naqset milli timxi skond kif ftehmet isegwi li s-socjeta’ konventua ma hijiex legalment tenuta li thallasxi haga reza u ezegwita hazin – <u>ademplenti non est asemplendum</u>;
4. Illi ma huwiex minnu li s-socjeta’ konvenuta ammettiet id-debitu reklamat mill-kontroparti attrici. Ic-cekkijiet mahrugin mis-socjeta’ intiamta gew emessi biss fuq il-premessa li l-inkarigu moghti lis-socjeta’ attrici gie adempietskond kif miftiehem. Peress li dan ma kienx il-kaz, tali hlasijiet twaqqfu. Jekk xejn, il-pagament anticipat kien juri l-buona fede tas-socjeta’ konvenuta;
5. Illi l-azzjoni attrici hija wahda frivola u vessatorja tenut kont tad-danni ingenti sofferti mill-eccipjenti u li dwarhom fi hsiebu jipprocedi kontra s-socjeta’ attrici. L-azzjoni attrici ghalhekk hija ntiza biss biex tipprova tiffrustra eventwali proceduri kontriha u ghandha tigi rigettata;
6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li s-socjeta' konvenuta kienet qabbdet lill-attur u lis-socjeta' tieghu 3D Distributors sabiex iqassmu *magazine* bl-isem ta' "Phone Direct", prodott mis-socjeta' konvenuta mad-djar f'Malta u Ghawdex. Ta' dan ix-xoghol l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' elfejn, mitejn u erbatx-il lira Maltin (Lm2214), izda s-socjeta' konvenuta qeda tirrifjuta li thallas ghax qed tallega nuqqas ta' inadempjenza kuntrattwali.

Ikkunsidrat:

Is-socjeta konventua tinnegozja fil-qasam tar-reklamar pubblicitarju u darba kull erba' xhur tipproduci *magazine* bl-isem ta' "Phone Direct" illi fih reklami tad-diversi distributuri u agenti go Malta. F'dawn ir-reklami jigu pubblicizzati kwalunkwe offerta jew prodott illi d-diversi distributuri u agenti jkollhom ghall-bejgh. Peress illi l-*magazine* huwa mqassam fir-residenzi kollha ta' Mlata u Ghawdex, is-socjeta konvenuta nkarigat lill-attur sabiex jiehu hsieb id-distribuzjoni tal-*magazine*.

Ghalhekk, bi skrittura datat 1 ta' April, 2002 il-partijiet dahlu fi ftehim ghad-distribuzzjoni tal-*magazine*, liema distribuzzjoni, kellha ssir fi zmien hamsa u ghoxrin (25) gurnata versu l-prezz indikat ta' elfejn, seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm2,775) kull distribuzzjoni. L-ewwel distribuzzjoni kellha ssir bejn Ottubru u Novembru, 2002.

Il-ftehim kontrattwali beda jigi osservat, izda jidher illi t-termini ma kienux qeghdin jigu osservati, specjalment dak li jirrigwarda z-zmien meta s-socjeta' konvenuta kienet tikkonsenja l-*magazine* fl-ufficini tas-socjeta' attrici ghad-distribuzzjoni. Inqalghet kontroversja bejn il-partijiet u wkoll dwar iz-zmien li l-attur kellu disponibbli ghad-distribuzzjoni tal-*magazine*. Filwaqt loi l-attur jinsisti li kellu hamsa u ghoxrin gurnata (25), kif jghid l-istess ftehim, Ray Galea ghan-nom tas-socjeta' konvenuta jghid illi d-distribuzzjoni kellha ssir fi zmien ghaxart (10) ijiem.

Ray Galea jilmenta illi minkejja kollox id-distribuzzjoni kienet qeda ssir b'mod erratiku u tard. Allega li kien jithalla fl-ufficcju ta' l-attur u d-distributuri tieghu johorgu jqassmu xoghol ta' hadiehor, aktar u aktar meta kienu vicin ir-Referendum u l-Elezzjoni Generali tas-sena 2003. Ilmenta partikolarment mill-harga ta' Dicembru, 2002 u Gunju, 2003, fejn ta' l-ewwel suppost kellu jigi kkonsenjat sal-Milied, izda sa' Jannar 2003, kien ghadu qed jigi mqassam u f'ta' Gunju li suppost kellu jlahhaq it-Trade Fair, izda l-*magazine* baqa' jigi mqassam anki wara, fejn allura l-offerti tar-reklamaturi ma kellhomx effett.

Galea jallega wkoll illi kawza ta' dan tilef hafna flus, fejn hafna agenti u promoturi rrifjutaw li jhallsuh ghar-reklam li pproducew fuq il-*magazine* "Phone Direct". Mistoqsi jekk kienx minnu li l-*magazine* kien qed jigi kkonsenjat tard, Galea jghid, " … mhijiex kwistjoni ta' jekk huwiex tard jew le, ix-xoghol jigi konsnejat u dawn ghandhom ghaxart ijiem biex iqassmuh. Dak kien il-ftehim." [fol. 28].

Galea ghandu l-konfort tax-xhieda ta' martu Catherine [fol. 36] li tghid illi l-ftehim kien li d-distribuzzjoni kellha ssir fi zmien ghaxart ijiem. Tghid illi meta gie ffirmat il-kuntratt ix-xoghol preparatorju kien diga lest u kien jonqos biss il-*printing* li jiehu erbat ijiem. Fil-bidu ta' Ottubru, il-*magazine* kien diga ghand l-attur. Pero' migjuba l-attenzjoni taghha ghal fatt li l-ftehim kien jghid hamsa u ghoxrin gurnata, Catherine Galea ma kinitx taf tirrispondi jew tikkummenta.

Xehdet ukoll Mariolina Schembri [fol. 59] fejn qalet illi ghal sena bejn Novembru, 2002 u Dicembru, 2003 kienet segretarja mas-socjeta' konvenuta u tghid illi kienet impjegata fil-bidu nett tal-pubblikazzjoni tal-*magazine*. Kienet prezenti meta gie ffirmat il-ftehim li kien jinkludi terminu ta' ghaxart ijiem ghad-distribuzzjoni u l-ewwel *issue* kellha tkun ta' Dicembru, 2002. Hija taghraf il-firma ta' Ray Galea fuq il-ftehim [fol. 61], pero' ma tiftakarx li l-*magazine* wasal tard mill-esteru. Aktar tard kienet kategorika meta tghid, "Fil-fatt mhuwiex minnu illi l-*magazine* kien jasal tard kull darba … forsi xi gurnata jew tnejn, imma zgur mhux xi hmistax-il gurnata." Fl-ufficcju

kienet halliet *records* meta l-*magazine* kien qed jigi konsenjat lil 3D, is-socjeta’ gestita mill-attur.

B’kuntrast ta’ din ix-xhieda, Ray Galea [fol. 50] wara li gie muri l-ftehim fuq imsemmi, jghid illi l-firma fuq il-kuntratt mhijiex tieghu u nnega illi saru konsenji tard lill-attur.

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda, l-attur esebixxa diversi *delivery notes* mill-burdnara White Bros. illi wasslu l-*magazine* fl-ufficini tieghu. Dawn id-*delivery notes* igibu d-dati ta’ 16 ta’ Dicembru, 2002, 18 ta’ Dicembru, 2002 u 19 ta’ Dicembru, 2002. Ghall-konsenja ta’ Gunju dawn jidhru li gew ikkonsenjati fl-24 ta’ Gunju, 2003 u 8 ta’ Lulju, 2003. Murija dawn id-dokumenti Catherine Galea ma setghetx tikkummenta u Ray GAlea jghid biss illi kien hemm konsenji ohra qabel dawk murija u ma kienx jaf ezatt kemm il-paletta gew ikkonsenjati.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi, l-Qorti jidhrilha li x-xhieda moghtija mill-attur hija aktar veritjiera. Jibda biex jinghad illi l-kuntratt ta’ l-1 ta’ April, 2002, jghid car u tond illi l-konsenja kellha ssir fi zmien hamsa u ghoxrin gurnata u mhux f’ghaxart ijiem kif allega Ray Galea ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Veru illi kien sar attentat ghall-ftehim iehor fl-1 ta’ Dicembru, 2002 [fol. 20] izda fil-kopja li kellu l-attur, Ray Galea ma kienx iffirma l-parti tieghu. Dan ta’ l-ahhar, b’xi mod esebixxa l-kopja li kellu fejn tidher il-firma tieghu, pero’ l-granet tad-distribuzzjoni huma differenti. Filwaqt li dik esebita mill-attur tidher wiehed u ghoxrin (21) gurnata, il-kopja li pprezenta Ray Galea tidher ghaxart (10) ijiem.

Pero’ l-Qorti jidhrilha li l-kopja ta’ Ray Galea hija ferm suspetta, meta ssib li hija fotokopja ta’ kwalita hazina hafna bi kliem mhux car. M’hemmx dubju li kieku Galea kien genwin kien jara kif jaghmel u jesebixxi l-original u mhux kopja ta’ kwalita’ daqshekk fqira.

Barra minn hekk, id-*delivery notes* tal-burdnara esebiti mill-attur jikkonfermaw ix-xhieda tieghu tal-konsenja tardiva tas-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti ma tistax tifhem kif is-socjeta' konvenuta ppretendiet illi l-harga ta' Dicembru, 2002 tigi mlahhqa fir-residenzi kollha ta' Malta u Ghawdex meta l-konsenji saru daqshekk vicin il-Milied u l-istess fil-harga ta' Gunju, 2003 meta ippretendu li jlahhqu id-djar sat-Trade Fair meta ghandu konsenja fl-24 ta' Gunju u fit-8 ta' Lulju, 2003, meta t-Trade Fair kienet fl-aqwa taghha.

Jista' jaghti l-kaz li fil-harga ta' Marzu, 2003 kien hemm xi dewmien minn naha ta' l-attur sforz ix-xoghol kbir li kien hemm relatati mar-Referendum u ma' l-Elezzjoni Generali. Dana pero' ma jiggustifikax l-agir tas-socejta' konvenuta illi zzomm pagament ta' servizz moghti, liema pagament gie mizmum bl-aktar mod dizonest meta Ray Galea hareg diversi *post dated cheques*, l-ewwel wiehed datat 15 ta' Lulju, 2003 meta l-ahhar konsenja tal-*magazine* saret lill-attur fit-8 ta' Lulju, 2003.

Ghalhekk, filwaqt illi Galea kien qed juza u jinqeda bis-servizzi ta' l-attur, fl-istess hin johrog *stop payment* ghac-*cheques* illi hareg u jallega nuqqas ta' adempjenza. Ma hemmx dubju, illi kif qal l-attur is-socjeta' konvenuta ma kienitx organizzata sew, u dan minkejja x-xhieda ta' Catherine Galea meta qalet li x-xoghol preparatorju kien diga lest u kien jonqos biss l-istampar u c-cahda ta' Mariolina Schembri li l-*magazine* kien jasal tard minn barra.

Ghalhekk, ma hemm l-ebda raguni l-ghala l-*magazine* kellu jigi kkonsenjat tard lill-attur, jekk mhux minhabba nuqqas ta' organizazzjoni u kontroll minn naha ta' l-istess socjeta' konvenuta, li ma zammitx il-ftehim patwit u minn fuq tippretendi li l-attur jaghmel il-mirakli u jqassam il-*magazine* f'affari ta' ftit granet kontra t-termini stabbiliti bejn il-partijiet.

Minkejja l-verbozita' u l-emozzjoni li Ray Galea wera fuq il-pedana tax-xhud, il-Qorti ssib illi mhuwiex kredibbli u

wera nuqqas ta’ buona fede fit-trattazzjoni tieghu ma’ l-attur. Galea jghid illi tilef eluf kbar ta’ liri tort ta’ l-attur, izda l-Qorti ssib illi dana mhuwiex minnu, apparti l-fatt li dikjarazzjonijiet ta’ telf finanzjarju kawzati b’agir tal-kreditur ma jiggustifikaw lid-debitur li jzomm lura pagament ta’ dejn, il-Qorti ssib li l-kawza principali tan-nuqqas illi sofra Galea kien proprju kawza tal-konsenja tardiva illi huwa ghamel lill-attur u ghalhekk ma ghandu l-ebda raguni l-ghala jzomm il-pagament dovut.

Jekk Galea dehrlu li l-attur naqas milli jesegwixxi sehmu mill-ftehim skond id-diligenza mistennija minn bonus pater familias, allura kellu diversi ghazliet x’jiehu imma f’dan l-istadju zgur illi mhuwiex li jzomm il-pagament.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li l-i*stop payment* li Galea ghamel fuq ic- *cheques* mahruga f’isem l-attur, huwa att illegali b’abbuz ta’ fiducja bankarja u l-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont indikat.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas l-ammont ta’ elfejn, mitejn u erbat-il lira Maltin (Lm2214) dovuti lill-attur konsisitenti fi drittijiet ghad-distribuzzjoni tal-*magazine* “Phone Direct” fuq inkarigu tal-konvenut skond ftehim datat l-1 ta’ April, 2002.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smeigh kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------